



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-124/12

AES-3C Maritza East 1 EOOD

vs

Direktor na Direksia “Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto” pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite, Plovdiv

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Plovdiv)

“Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 168(a) u 176 — Dritt għal tnaqqis — Spejjeż li jirrigwardaw l-akkwist ta’ oġġetti u ta’ provvista servizzi intiżi għall-persunal — Persunal imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuna taxxabli li tinvoka d-dritt għal tnaqqis iżda impjegat minn persuna taxxabli oħra”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta’ Lulju 2013

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Artikolu 168(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112 — Spejjeż li jirrigwardaw l-akkwist ta’ oġġetti u ta’ servizzi intiżi għall-persunal — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tagħtix id-dritt għat-tnaqqis fil-kap tal-persuna taxxabli, vinkolat b’kuntratt ma’ persuna taxxabli oħra, li għandu bħala għan it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ impjegati minħabba n-nuqqas ta’ kuntratt ta’ xogħol bejn il-persuna taxxabli u dawn l-impjegati — Inammissibbiltà — Spejjeż li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li għandhom rabta diretta u immedjata mal-ispejjeż ġenerali marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi kollha tal-imsemmija persuna taxxabli — Assenza ta’ effett*

(Direttiva tal-Kunsill Nru 2006/112, Artikolu 168(a), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176)

2. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Leġiżlazzjoni nazzjonali, adottata mal-adeżjoni mal-Unjoni, li ttipprevedi l-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis għal oġġetti u servizzi intiżi għal kunsinni jew għal provvisti mingħajr ħlas jew għal attivitajiet li ma jkunux parti mill-attività ekonomika tal-persuna taxxabli — Assenza ta’ din il-leġiżlazzjoni nazzjonali qabel l-adeżjoni — Interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-qorti nazzjonali — Nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ din il-leġiżlazzjoni tal-aħħar fil-każ ta’ inkompatibbiltà mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112*

(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 176)

1. L-Artikolu 168(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li persuna taxxabli li ssostni spejjeż għal servizzi ta’ trasport, għal ħwejjeġ tax-xogħol, għal mezzi ta’ protezzjoni u għal missjonijiet ta’ persuni li jaħdmu għal din il-persuna taxxabli ma għandhiex dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata ma’ dawn l-ispejjeż, minħabba li l-imsemmija persuni jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha minn entità oħra u ma

jistgħux għalhekk jitqiesu, fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, li jkunu membri tal-persunal tal-persuna taxxabli, minkejja li l-imsemmija spejjeż jistgħu jitqiesu li huma marbuta b'mod dirett u immedjat mal-ispejjeż ġenerali marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi kollha tal-imsemmija persuna taxxabli.

(ara l-punt 39, u d-dispożittiv 1)

2. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-mument tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, Stat Membru jintroduċi limitazzjoni għad-dritt għal tnaqqis skont dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tipprevedi l-esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis għal oġġetti u servizzi intiżi għal kunsinni jew għal provvisti mingħajr ħlas jew għal attivitajiet li ma jkunux parti mill-attività ekonomika tal-persuna taxxabli, meta din l-esklużjoni ma tkunx prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ sad-data ta' din l-adeżjoni.

Hija l-qorti nazzjonali li għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, sa fejn huwa possibbli, inkonformità mad-dritt tal-Unjoni. Fil-każ li tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, il-qorti nazzjonali għandha tiddeżisti milli tapplika dawn id-dispożizzjonijiet minħabba inkompattibbiltà mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112.

(ara l-punt 54 u d-dispożittiv 2)